**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur William Scicluna**

**Vs**

**Dominic Scicluna**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Dominic Scicluna ta' 33 sena, bin il-mejjet Joseph u Carmen nee' Vella, imwieled Pieta', fit-12 ta' Novembru 1982, residenti gewwa 38, Sunset, Triq Snajjin, Mellieha u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 622282(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer f'Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar min hamest elef euro (5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni,

industrija, kummerc kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputat b'mod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-ammont dovut lil Malta Public Transport kien ta' €8,101.77 u li l-imputat kien qed jaqbel ma' dak l-ammont hekk dovut;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin skond l-Artikolu 28A tal- Kap 9 .

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' tmint elef mijja u wiehed euro u sebgha u sebghin centezmu (8,101.77) lil Malta Public Transport fi zmien sitt xhur skond l-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**